MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Kriminali Numru. 47/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Paul Polidano**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Paul Polidano talli:

Fit 3 ta’ Gunju 2002, ghall-habta tal-11.00 ta’ filghodu minn garage bla numru sitwat fi Triq tal-Handaq, Hal-Qormi, ikkommetta serq ta’ ghodda w accessorji tal-karozzi ghad-dannu ta’ Carmelo Borda minn B’Kara, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elf liri Maltin (Lm1000) u bix-xorta tal-haga misruqa;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Carmelo Borda, liema hsara tammonta ghal izjed minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda ma tiskorrix il-hamsin liri Maltin (Lm50);

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita xi dritt li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu nnifsu lil xi hadd jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun u kontra l-ligi ndahal fi hwejjeg haddiehor;
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-18 ta’ Frar 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Paul Polidano hati ta' l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet u kkundannatu ghall-piena ta’ sentejn prigunerija sospizi ghal tlett snin, filwaqt li ma sabitux hati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Paul Polidano pprezentat fit-28 ta’ Frar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu t-tieni imputazzjoni waqt illi tirrevokaha u thassarha in kwantu l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, "b’dan illi tirriduci l-piena inflitta ghal wahda ta’ ragion fattasi, waqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi".

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tat-30 ta' Gunju 2005 sar verbal mill-prosekuzzjoni li bih eccepiet in-nullita` tar-rikors ta' appell peress li t-talba ma taghmilx sens, u cioe` li l-appellant qieghed jitlob it-thassir u r-revoka ta' l-ewwel u tat-tielet imputazzjonijiet, jigifieri dik ta' serq u dik ta' *ragion fattasi*, u fl-istess hin qieghed jikkoncedi li huwa hati ta' ragion fattasi billi qed jitlob li jinghata l-piena ta' *ragion fattasi*.

Id-difensur ta' l-appellant ivverbalizza fl-istess seduta li r-rikors ta' appell huwa validu u jissoddisfa r-rekwiziti ta' l-artikolu 419(1) tal-Kodici Kriminali peress illi l-assjem tat-talbiet ta' l-appellant juru b'mod car x'qed jitlob lil din il-Qorti u taghmilha cara in kwantu jirrigwarda t-tielet imputazzjoni ghandu jkun hemm riduzzjoni tal-piena nflitta.

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li fejn l-appellant ikun gie misjub hati ta' xi akkuzi u misjub mhux hati ta' ohrajn, ghandha tintalab ir-riforma tas-sentenza appellata u **mhux** ir-revoka jew thassir taghha. Altrimenti jkun hemm in-nullita` tar-rikors ta' l-appell fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9.

Issa, kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph Galea** deciz fit-30 ta' Gunju 1995, hi gurisprudenza kostanti ta' din il-Qorti li n-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 419 tal-Kap. 9 hi sollevabbli *ex officio* mill-Qorti, essendo dik id-disposizzjoni u dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku. F'dik l-istess sentenza, din il-Qorti diversament presjeduta dahlet *funditus* fil-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors ta' appell u waslet ghal dawn il-konkluzjonijiet:

**"(a) Bhala regola generali, id-disposizzjoni in ezami, cioe` li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil tas-sentenza, giet 'very strictly and rigidly interpreted' (The Police v. John Hill, Criminal Appeal, 23/9/72).**

**(b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-tahsir jew ghat-tibdil, fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat, fil-kazijiet li hekk jippermettu, li jkun hemm kemm talba ghat-tahsir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche` li din it-tieni talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda. Infatti, anke jekk intalab biss it-tahsir, din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in**

**parti u tbiddel is-sentenza, per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet, gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba gat-tahsir, ir-rikors ikun null (P. v. Anthony Zammit, 1/10/60, Vol. XLIV.iv.940; P. v. Richard Vincenti Kind, App. Krim., 16/9/72); P. v. Carmelo Agius, App. Krim., 14/10/72).**

**(c) Ir-*raison d'etre* tal-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 419 huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza. Il-legislatur evidentement ried li r-rikors ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-posizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali, minn xhiex qed jilmenta l-appellant, u x'inhu jitlob."**

Gie ritenut ukoll illi l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma, tibdil jew varjazzjoni, imbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha u fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir jew annullar tal-parti tas-sentenza li jkun qed isir appell minnha, u fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal, per ezempju, li ma tinstabx il-htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena[1].

Fil-kaz in ezami, din il-Qorti giet mitluba mill-appellant li:

"tikkonferma s-sentenza appellata tat-18 ta' Frar 2005 moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali in kwantu t-tieni akkuza waqt illi tirrevokaha u thassarha in kwantu l-ewwel u t-tielet akkuza, b'dan illi tirriduci l-piena inflitta ghal wahda ta' ragion fattasi, waqt li taghti dawk il-provvedimenti kollha necessarji u opportuni li jidhrilha xieraq fic-cirkostanzi."

Il-mod kif giet impostata t-talba difficilment hu rikonciljabbli ma' dak li trid il-ligi u kif ampjament spjegat fil-brani

[1] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Joseph John Agius**, 9 ta' April 2003.

suriportati. L-appellant l-ewwelnett imkien ma jitlob ir-riforma jew tibdil tas-sentenza appellata. Huwa minnu li jista' jigi argomentat li stante li qieghed jitlob il-konferma ta' dik il-parti fejn gie lliberat mit-tieni imputazzjoni u r-revoka ta' dik il-parti fejn instab hati dwar l-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet, implicitament qieghed jitlob ir-riforma ossia tibdil ta' l-imsemmija sentenza, izda mbaghad, wara li jitlob ir-revoka anke tat-tielet imputazzjoni (dik dwar *ragion fattasi*) jitlob li l-piena tigi ridotta ghal wahda ta' *ragion fattasi* - talba kontradittorja ghal dik ta' helsien mill-htija.

Konsegwentement ir-rikors huwa evidentement irritu u null.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tiddikjara l-appell irritu u null ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 419(1)(c) tal-Kap. 9, u kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-appell.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------